MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 2429/1999/1

**Marthese BRIFFA**

vs

**Victor ATTARD**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-5 ta' Novembru, 1999, li bih l-attriċi ppremettiet:

Illi l-attriċi hi prorpjetarja tal-fond numru 25, "Silmar", Triq l- Innu Malti, Żebbug;

Illi l-konvenut qed jokkupa l-fond adjaċenti li jġib l-indirizz 23, "Jonmarsin", Triq l-Innu Malti, Żebbug;

Illi l-konvenut qed jagħmel ċerti xogħolijiet fil-fond okkupat minnhu fejn fost affarijiet oħra, għadda pajpijiet/katusi fix-

shaft propjeta tal-attriċi kif ukoll għalaq aċċess għall-gulley fix-shaft propjeta tal-esponenta u dan mingħajr ebda permess u/jew kunsens tagħha;

Illi dawn ix-xogħolijiet saru mill-14 t'Ottubru, 1999 sad-19 t'Ottubru, 1999 meta ġie indunat b'dan l-iżvilupp liema imġieba tammonta għas-spoll ċar u abbuziv fil-konfront tal-attriċi;

Għalhekk l-attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

a. Tiddikjara li kien hemm spoll vjolenti u abbuziv fuq id-drittijiet ta' pussess/propjeta tal-attriċi;

b. Tordna lill-konvenut li fi żmien perentorju iffissat mill-Qorti biex jirreintegraw fil-pussess l-attriċi u fin nuqqas tawtorizzaha tagħmel ix-xogħijiet taħt perit nominandi a spejjeż tal-istess konvenut;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa jibqa' inġunti għas- subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attriċi;

Rat in-Nota mressqa fil-15 ta' Mejju, 2000, li biha l-imħarrek eċċepixxa:

1. Preliminarjament in-nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju, stante illi l-konvenut Victor Attard huwa miżżewweġ u l-attriċi istitwiet din il-kawża kontrih biss, u għahekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi bla preġudizzju għas-suespost u dejjem in via preliminari, iċ-ċitazzjoni hija nulla, stante illi l-attriċi hija miżżewġa u l-kawża ġiet proposta minnha biss;

3. Illi fi kwalunkwe każ u in via preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni kif ittentata hija nulla u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż stante illi t-

talbiet attriċi huma karenti billi ma jispeċifikawx in-natura tal-ispoll allegatament kommess;

4. Illi fil-mertu l-pretensjoni attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż stante illi x-xogħlijiet intrapriżi mill-konvenut u li għalihom tagħmel riferenza l-attriċi saru bi dritt billi l-istess konvenut għandu l-komunjoni tad-drains u l-katusi tad-drenagg, liema dritt ġie akkwistat minnu in forza ta' kuntratt pubbliku datat 1 ta' Novembru 1985 fl-atti tan-Nutar Dottor Jeanette Laferla Saliba li permezz tiegħu l-eċċipjent akkwista l-fond "Jonmarsin", Triq l-Innu Malti, Żebbug, kopja ta' liema kuntratt huwa hawn anness u mmarkat Dokument VA1, u għaldaqstant, l- konvenut ma kkommetta ebda spoll kif allegat mill-attriċi;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-13 t'Ottubru, 2000[1], u dak tas-6 ta' Frar, 2001[2], li matulhom l-imħarrek irrinunzja għat-tieni eċċezzjoni tiegħu;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tal-4 ta'Ġunju, 2002, tal-24 t'Ottubru, 2002, tat-30 ta' Jannar, 2003, tat-13 t'April, 2003, tal-15 ta' Mejju, 2003, tal-10 ta' Lulju, 2003, u tal-25 ta' Settembru, 2003, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni;

***Ikkunsidrat:***

[1] Paġ. 20 tal-proċess
[2] Paġ. 24 tal-proċess

Illi din hija azzjoni ta’ spoll. L-attriċi tixli lill-imħarrek li, b’xogħlijiet li kien qiegħed jagħmel f’post li jmiss ma’ tagħha, ċaħħadha jew naqqsilha l-pussess sħiħ tagħha tal-post li tiegħu hija s-sid;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa’ billi, fil-mertu, ċaħad li wettaq xi għamil ta’ spoll. Huwa ressaq ukoll eċċezzjonijiet ta’ natura preliminari: waħda minnhom irtiraha waqt is-smigħ tal-kawża, l-oħra titkellem dwar is-siwi tal-att taċ-Ċitazzjoni u l-oħra dwar jekk il-ġudizzju huwiex sħiħ, ladarba l-attriċi ħarrket lilu biss. Huwa jgħid li, ladarba huwa miżżewweġ, l-attriċi messha ħarrket lilu wkoll, u billi ħarrkitu waħdu għandu għalhekk jiġi meħlus mill-ħarsien tal-ġudizzju;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwardin l-eċċezzjoni preliminari;

Illi m’huwiex kontestat li l-imħarrek huwa tassew miżżewweġ;

Illi l-imħarrek isejjes l-eċċezzjoni tiegħu fuq tliet (3) argumenti. Fl-ewwel post fuq il-fatt li l-post fejn saru x-xogħlijiet li minnhom tilminta l-attriċi huwa d-dar taż-żwieġ tiegħu u ta’ martu. Fit-tieni lok, li l-imsemmija xogħlijiet jikkostitwixxu għamil ta’ amminisrazzjoni straordinarja għall-finijiet tal-liġi. U, fit-tielet lok, li kull xogħol kien imħares bil-permessi tal-awtoritajiet kompetenti u skond il-liġi. Min-naħa tagħha, l-attriċi tmieri dawn it-tliet argumenti u tgħid li ma jnaqqsu bl-ebda mod is-siwi tal-azzjoni tagħha;

Illi għandu jingħad li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta’ integrita’ ta’ ġudizzju meta tkun imsejsa fuq l-applikazzjoni tal-artikolu 1322 tal-Kap 16 (kif jidher li huwa l-każ fl-eċċezzjoni preżenti), tkun qegħda titlob determinazzjoni li hija ta’ordni pubbliku. Għalhekk, ladarba din l-eċċezzjoni titqanqal mill-parti mħarrka, il-Qorti ma tistax tinjoraha jew tonqos li tqisha, ukoll jekk, aktar ‘il quddiem, il-parti mħarrka ma tibqax tinsisti iżjed fuqha[3];

[3] Ara App. Ċiv. **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone et vs Micallef et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1188**)

Illi ngħad ukoll li n-natura tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju hija mibnija fuq tliet (3) konsiderazzjonijiet ewlenin, jiġifieri (i) fuq il-ħtieġa li f'kawża jieħdu sehem dawk kollha li huma interessati fil-kwestjoni, (ii) li jiġi assikurat li l-ġudizzju jkun wieħed effikaċi, u (iii) li jitħares kemm jista' jkun il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju. B'dan il-mod, li l-ġudizzju jkun wieħed sħiħ għandu jinteressa aktar lill-parti attriċi milli lill-parti mħarrka. Lanqas ma jidher li l-eċċezzjoni hija bażata fuq xi eżiġenza formali, preċiża li tindika nuqqas insanabbli[4]

Illi, madankollu, wara li ntgħamlet il-preċiżazzjoni meħtieġa dwar l-importanza ta' l-eċċezzjoni fin-natura tagħha u mingħajr ma tippronunċja ruħha bl-ebda mod dwar il-mertu tal-azzjoni preżenti, il-Qorti ma jidhrilhiex li l-eċċezzjoni taħt eżami hija mistħoqqa. Dan jingħad għaliex is-siwi tal-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrita' tal-ġudizzju jrid tabilfors jitqies fil-qafas tan-natura tal-azzjoni li fiha titqajjem dik l-eċċezzjoni. Fil-każ preżenti, l-azzjoni hija waħda ta' spoll li, kif ingħad bosta drabi, hija waħda ta' għamla u karatteristika partikolari msejsa fuq binarji ta'ordni pubbliku u t-tqegħid mill-aktar fis tal-partijiet fl-istat li kienu qabel ma sar l-għamil li jkun allegatament naqqas jew xejjen il-pussess fil-parti attriċi;

Illi, minħabba f'hekk, ġie għadd ta' drabi mtenni, kemm mill-kittieba u kif ukoll fid-deċiżjonijiet tal-Qrati, li l-azzjoni tal-ispoll titnissel *ex delictu* fuq fatt illeċitu u mhux *ex contractu*, u huwa azzjonabbli personalment kull min jieħu sehem fl-għamil spoljativ[5]. Dan ifisser li ma hemmx regola predeterminata li s-siwi tal-azzjoni jiddependi minn xi kwalita' partikolari fil-parti mħarrka, daqskemm fuq il-fatt (jekk pruvat) tas-sehem tagħha fl-għamil spoljattiv ilmentat. B'żieda ma' dan jingħad ukoll li l-għemejjel jew atti ta' amministrazzjoni straordinarja msemmija fl-artikolu 1322 tal-Kodiċi Ċivili huma lista eżawrjenti u ma jistgħux

[4] Ara App Ċiv. **15.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra Dedomenico et vs Żahra Dedomenico*** (Kollez. Vol: **LXXVI.i.182**)
[5] Ara, per eżempju, App.Ċiv. **14.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dmitri Orlov et vs Edward Pavia pro et noe***

jiżdiedu jew jiġġebdu b'analoġija[6] għaliex huma maħsuba għal għan speċifiku (jiġifieri dak tal-ħarsien u l-integrita' tal-komunjoni tal-akkwisti) u huma ta' natura eċċezzjonali għar-regola li kull persuna kapaċi għandha l-jedd li tmexxi hi ħwejjiġha mingħajr indħil. Għamil li jċaħħad il-pussess, ukoll jekk jikkonsisti f'xogħol li jsir f'ġid immobbli, ma jaqa' taħt l-ebda waħda mit-tlettax-il (13) ċirkostanza maħsuba bħala att ta' amministrazzjoni straordinarja elenkati fl-artikolu 1322(3) tal-Kodiċi;

Illi fil-każ preżenti, l-attriċi titfa' l-ħtija ta' dak li sar fuq l-imħarrek. Din hija għażla li hija kienet ħielsa li tagħmilha. Is-suċċess jew il-falliment tal-għażla tagħha jiddependi biss minn jekk dak li hija tixli bih lill-imħarrek iseħħilhiex tippruvah. M'għandu x'jaqsam xejn jekk l-imħarrek inzerta wkoll li huwa persuna miżżewġa, għaliex l-effett ta' eżitu 'l hawn jew 'l hinn tal-azzjoni mibdija kontrih ma tolqot bl-ebda mod l-integrita' tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejnu u bejn martu. Dak li timmira li tikseb l-azzjoni pussessorja ta' spoll hija biss l-integrita' tal-pussess fl-istat li kien qabel ma jseħħ l-għamil spoljattiv;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrek bl-ispejjeż kontrih, liema eċċezzjoni m'hijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[6] P.A. AM **22.5.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabib Lino Gauċi Borda vs Dentist Mark Azzopardi et*** (mhix pubblikata)